# KARNVAL 2010

*Organizzat mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija*

## Programm ta' Attivitajiet



Il-Ħamis 11 ta' Frar 2010, Giovedi Grasso, ikla tradizzjonali tal-Karnival Għawdxi fis-sala tal-iskola primarja, ix-Xewkija, fis-7.00pm. Mistiedna Speċjali Zoo (Postijiet limitati, biljetti mill-Uffiċċju tal-Kunsill)

*********

Il-Ġimgħa 12 ta' Frar fis-6.30pm, Serata Karnivaleska fiċ-Ċentru Parrokkjali fejn ikun hemm il-kompetizzjonijiet tal-Kostumi.

*********

Is-Sibt 13 ta' Frar fis-6.00pm, fi Triq San Bert u Pjazza San Ġwann Battista nassistu għall-varjeta ta' żfin minn diversi Kumpaniji tal-Karnival, Karrijiet kbar u żgħar u Maskri Grotteski. Jippreżenta l-Majsi.

*********



Il-Ħadd 14 ta' Frar fl-10.00am tibda l-Isfilata tal-Karnival immexxija minn Banda Prekursur u bis-sehem tal-Karrijiet tal-Karnival. L-isfilata tibda minn Triq Ta' Ġokk u tintemm fi Triq Ħamrija (ħdejn l-iskola primarja). Eżatt wara l-isfilata ssir il-Kukkanja.

*********

It-Tnejn 15 ta' Frar fis-7.30pm fi Pjazza San Ġwann Battista ser issir il-Kummittiva.



*********

Karnival Spontanju

Il-Karnival spontanju fix-Xewkija kien ferm popolari sa ftit tas-snin ilu. Il-Kunsill qed jaħdem biex jerġa' iqajjem din it-tradizzjoni. Din is-sena mill-Ġimgħa 12 sat-Tlieta 16 ta' Frar ser ikun hemm daqqaqa tradizzjonali/bands f'diversi ħwienet biex jallegraw lil dawk preżenti. Dawn ser ikunu mit-8.00pm 'l quddiem fiċ-Ċentru Parrokkjali u fl-XT Sports Cafe' fi Pjazza San Ġwann Battista, Youth Club fi Triq il-Knisja, Każin Banda Prekursur fi Triq Santa Katerina u f'tal-Bombos fi Triq il-Kbira. Ejjew ħalli flimkien nerġgħu nqajmu din it-tradizzjoni li tant kienet popolari f'raħalna!

# KARNVAL 2010

*Organizzat mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija*

## Kompetizzjoni għall-isbaħ kostum



Il-Ġimgħa 12 ta' Frar fis-6.30pm fiċ-Ċentru Parrokjali tiġi organizzata kompetizzjoni tal-kostumi. Din il-kompetizzjoni ser tkun maqsuma fi tnejn, taqsima għall-kompetituri mix-Xewkija biss (trid tiġi preżentata l-Karta ta' l-Identita tal-ġenituri) u oħra għall-kompetituri oħrajn. Kull kompetizzjoni ser tinqasam f'żewg kategoriji ta' eta', dik ta' bejn 2 sa 6 snin u oħra minn 7 sa 13 'l sena. Il-Kategoriji tax-Xewkija ser ikunu maqsuma fi tnejn, sezzjoni għall-kostumi magħmula bl-użu tal-'foam' u sezzjoni mingħajr użu ta' 'foam'.

Se tittella' kummiedja mill-Għaqda Drammatika tax-Xewkija. Ejja u ma jiddispjaċikx!

Jingħataw trofew għall-isbaħ tlieta ta' kull kategorija u sezzjoni kif ukoll rigal ta' tifkira lil kull parteċipant.

## Sfilata u Varjeta ta' Żfin

Is-Sibt 13 ta' Frar fis-6.00pm tiġi organizzata serata karnivaleska fi Triq San Bert u fi Pjazza San Ġwann Battista fejn ikun hemm ukoll il-kompetizzjoni għall-aħjar karru armat għall-Karnival. Din il-kompetizjoni se tkun maqsuma f'żewg kategoriji, waħda għal dawk mir-raħal u l-oħra għall-oħrajn. Il-kategoriji tal-karrijiet jitqassmu mill-ġurija skond il-kobor tal-karru.



Il-Ħadd 14 ta' Frar, fl-10.00am tiġi organizzata l-isfilata tal-Karnival fi Triq Ta' Ġokk u Triq Ħamrija bis-sehem tal-Banda Prekursur u l-Karrijiet tal-Karnival. Tiġi organizzata wkoll il-Kukkanja.

******************************

Min jixtieq jieħu sehem f'xi waħda mill-kompetizzjonijiet irid jinkiteb fl-Uffiċċju tal-Kunsill sa mhux aktar tard minn nhar it-TNEJN 8 ta' Frar 2010. Applikazzjonijiet li jaslu tard jistgħu ma jiġux aċċettati.

Id-deċiżjonijiet tal-ġurija jkunu finali.

Il-Kunsill qed jorganizza dawn l-attivitajiet bil-koperazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari Għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni u tal-Awtorita tat-Turiżmu

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA U INFORMAZZJONI

www.visitMALTA.com